

| | |
|-------------------------------------|---|
| Trade mark Komunitarja kkonċernata: | Trade mark verbali FERTILITYINVIVO, għal prodotti fil-klassijiet 9, 10 u 44 |
| Deċiżjoni tal-eżaminatur: | Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja miċħuda |
| Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: | Appell miċħud |

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Milux Holding SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tielet Awla) tat-22 ta' Marzu 2011 —
Ford Motor vs UASI — Alkar Automotive (CA)**

(Kawża T-486/07)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva CA — Trade marks Komunitarji verbali u figurattiva preċedenti KA — Raġuni relattiva għal rifut — Nuqqas ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]”

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifut — Oppożizzjoni mill-proprietarju ta’ trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreggistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta’ konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 27, 92)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-25 ta' Ottubru 2007 (Każ R 85/2006-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ford Motor Company u Alkar Automotive, SA.

Informazzjoni dwar il-kawża

| | |
|--|---|
| Applikant għat-trade mark Komunitarja: | Alkar Automotive, SA |
| Trade mark Komunitarja kkonċernata: | Trade mark figurattiva CA, li tkopri b'mod partikolari prodotti fil-klassijiet 9, 11 u 12 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 3186764 |
| Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: | Ford Motor Company |
| Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: | Trade marks Komunitarji verbali u figurattiva KA għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 12, 14, 16, 18, 20, 21, 27, 32 u 37 |
| Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: | Oppożizzjoni miċħuda kollha kemm hi |
| Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: | Appell miċħud |

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.

- 2) Ford Motor Company hija kkundannata għall-ispejjeż.